MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Numru 765/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**ANTHONY FAVA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Fava ta' 63 sena, bin Carmel u Carmela nee' Calleja, imwieled tas-Sliema fil-25 ta' Awwissu 1946, u li joqghod f'6, 'Marlene', Triq Ganni Bencini, Sliema. Detentur tal-karta ta' l-identita' numru 733346M

Billi gie akkuzat:

1. talli f'April 2010 u fi granet precidenti, gewwa dawn il-Gzejjer bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti.

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 179 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, jew xjentement ghamel uzu minn l-istess dokument falsifikat.

4. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok VC3 u nnutat li l-imputat Anthony Fava m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 101, 110(1), 187 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Fava, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-imputat Anthony Fava taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Fava l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------